# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 28 ta' Ottubru 2021**

**Kawza Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 170/18 JVC**

**Joseph Bartolo, Mary Farrugia, Angelo Bartolo, Philip Bartolo, Nazzareno Bartolo, John Bartolo, Marvic Manicaro, Rose Ann Attard, Liliana Bartolo u Jacqueline Bartolo f'isimha proprju u bhala legittima rapprezentanti ta' binha minuri Karl Bartolo**

**vs**

**Nicholas Bartolo u Rose Agius, fil-kwalita' taghha ta' ezekutrici testamentarja tal-mejta Filippa Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Joseph Bartolo et ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti Joseph Bartolo, Mary Farrugia, Angelo Bartolo, Philip Bartolo, Nazzareno Bartolo, John Bartolo, Marvic Manicaro u l-konvenuti Nicholas Bartolo u Rose Agius huma lkoll ahwa Bartolo, ulied il-mejta Filippa Bartolo, ga armla ta' Anthony Bartolo, li metet fl-14 ta' Marzu 2015.

2. Illi l-esponenti l-ohra Rose Ann Attard u Liliana Bartolo huma ulied il-mejjet Carmelo Bartolo, iben iehor ta' Filippa Bartolo, li gie ddikjarat mejjet b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Mejju 2007. L-esponenti Jacqueline Bartolo u binha minuri Karl Bartolo huma s-successuri Joseph Mark sive Joe-Mark Bartolo, li kien iben l-istess Carmelo Bartolo, u li miet fl-24 ta' Novembru, 2007.

3. Illi s-successjoni ta' Filippa Bartolo hija regolata b'zewg testmenti pubblikati min-Nutar Hugh Grima fit-3 ta' Lulju 2002 u fil-5 ta' Ottubru 2010 rispettivament, li permezz taghhom, fost disposizzjonijiet ohra, innominat lill-hdax-il uliedha, u lil ulied binha premort Carmelo flimkien bejniethom, bhala eredi universali taghha, f'ishma indaqs bejniethom, filwaqt li nnominat lil bintha l-konvenuta Rose Agius bhala ezekutrici testamentarja taghha.

4. Illi inoltre, bit-testment imsemmi taghha tal-5 ta' Ottubru 2010, Filippa Bartolo halliet b'titolu ta' prelegat, lill-

konvenut Nicholas Bartolo, is-sehem ta' kwart indiviz (1/4) mill-ghalqa imsejha Tal-Iskallija *sive* Tal-Hlas fl-inhawi maghrufa bhala Ta' Wied is-Sewda, fil-wied omonimu li jinsab fil-limiti ta' Hal-Qormi, liema ghalqa tikkonsisti f'habel wiehed u ghandha l-kejl superficjali ta' cirka elfejn u hames mitt metru kwadru (2,500 mk), u ordnat li *'dana il-prelegat jidhol biss fis-sehh, wara li l-prelegatarju igib stima jew stimi minn nies awtorevoli u indipendenti fuq il-valur tal-istess proprjeta laxxata in prelegat, ovvjament fid-data tal-mewt tal-istess testatrici u jkun dovut ihallas hdax minn tnax il-parti indivizi lil hutu l-ahwa Bartolo u lil ulied il-premort huh Carmelo Bartolo. Dan kollu jrid isir fi zmien sena mill-mewt tal-istess testatrici'*;

5. Illi permezz ta' ittra legali tad-19 ta' Frar 2016, il-konvenut Nicholas Bartolo iddikjara li kien inkariga lill-perit Stephen Mangion biex jistma l-valur tal-art, filwaqt li l-konvenuta Rose Agius kienet inkarigat lill-perit Ian Cutajar ghall-istess skop, u li l-perit Cutajar kien tahom l-oghla stima, fis-somma ta' €31,000 (wiehed u tletin elf Ewro) ghall-intier, u li kien dispost ihallas lil hutu l-prezz proporzjonali taghha skond din l-istima.

6. Illi effettivament, l-istima ta' €31,000 tal-perit Ian Cutajar tirreferi ghall-valur tal-ghalqa bhala imqabbla lill-prelegatarju, meta fir-realta' din l-ghalqa mhijiex imqabbla u ghalhekk ghandha tigi valutata bhala hielsa minn kull drittijiet ta' terzi.

7. Illi permezz ta' ittra responsiva tas-26 ta' Frar 2016, l-esponenti gharrfu lill-konvenuti li ma kinux lesti jaccettaw il-hlas offrut billi l-valur tal-ghalqa hielsa minn titolu ta'

qbiela huwa dak ta' €62,000 li l-istess perit Ian Cutajar ta fl-istima tieghu.

8. Illi minkejja dan, il-konvenut Nicholas Bartolo ghadda biex iddepozita l-ammont offrut minnu, kontra kull wiehed mill-esponenti, fir-Registru ta' din il-Qorti, permezz ta' cedola ta' depozitu numru 371/2016.

9. Illi minkejja l-opposizzjoni motivata tal-esponenti, il-konvenuta Rose Agius accettat il-valutazzjoni li strah fuqha l-konvenut Nicholas Bartolo, tant li adottata fl-inventarju tal-assi ereditarju ta' Filippa Bartolo pubblikat min-Nutar Marco Buttigieg fil-25 ta' Lulju 2016.

10. Illi l-esponenti oggezzjonaw mal-konvenuta Rose Agius, (konfermata bhala ezekutrici testamentarja tal-mejta Filippa Bartolo permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) fit-2 ta' Frar 2017, Digriet Numru 138/2017), dwar il-valutazzjoni adottata minnha fl-inventarju, inkluz permezz ta' ittra ufficjali mibghuta lill-konvenuti fit-22 ta' Mejju 2017.

11. Illi minhabba f'din l-opposizzjoni, fid-digriet taghha tat-2 ta' Frar 2017, il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) ordnat li l-immissjoni ghandha tintalab l-ewwel mill-eredi u mbaghad, fin-nuqqas li jersqu ghall-att, tintalaba l-awtorizzazzjoni taghha.

12. Illi sal-lum pero' l-konvenuti baqghu ma ghamlu xejn aktar, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza, prevja kull dikjarazzjoni ohra li tirrizulta mehtiega, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

1. Tistabilixxi l-valur fid-data tal-mewt ta' Filippa Bartolo tal-kwota ta' kwart (1/4) indiviz mill-ghalqa fuq imsemmija mhollija b'titolu ta' prelegat lill-konvenut Nicholas Bartolo bit-testment tal-5 ta' Ottubru 2010 kif fuq spjegat;

2. Tikkundanna lill-konvenut Nicholas Bartolo ihallas lil kull wiehed mill-esponenti Joseph Bartolo, Mary Farrugia, Angelo Bartolo, Philip Bartolo, Nazzareno Bartolo, John Bartolo u Marvic Manicaro dodicesima parti indiviza (1/12) mill-imsemmi prezz, u dodicesima parti (1/12) indiviza ohra lill-esponenti Rose Ann Attard, Liliana Bartoli u Jacqueline Bartolo f'isimha proprju u f'isem il-minuri Karl Bartolo flimkien bejniethom;

3. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dikjarazzjoni tal-valur ta' din il-kwota indiviza li l-konvenuta Rose Agius ghamlet fl-att ta' inventarju pubblikat min-Nutar Dottor Marco Buttigieg tal-25 ta' Lulju 2016 ma tiswiex;

4. Konsegwentement tordna lill-konvenuta Rose Agius sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, tidher fuq l-att korrettorju opportun sabiex tikkoregi l-valur ta' din il-kwota indiviza fid-data tal-mewt ta' Filippa Bartolo, filwaqt li tinnomina Nutar Pubbliku u kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Mejju 2017 kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Rose Agius bhala ezekutrici testamentarja tal-mejta Filippa Bartolo li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt in konfront taghha stante illi b'digriet nru. 797/2017 wara rikors nru. 644/17 tat-8 ta' Awwissu 2017 li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument RA1, il-Qorti Civili Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja iddegretat li: "l-pussess tal-assi ereditarji jgaddi f'idejn l-eredi mal-mewt tad-decuius u ghalhekk f'tali kaz ghandhom jkunu l-eredi li jghaddu ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat. F'dan is-sens tirrevoka in parte contrario imperio id-digriet taghha 138/17 fejn irriteniet li r-rikorrenti tista' titlob l-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti biex timitti lill-legatarju fil-pussess tal-legat.

2. Illi ghalhekk hija ma tistax tagixxi fil-kwalita' taghha ta' ezekutrici testamentarja tal-mejta Filippa Bartolo u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju gialadarba hija giet imharrka fil-kwalita' taghha bhala tali stante li hija ma agixxietx oltre l-poteri moghtija lilha mill-istess Qorti Civili Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja.

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, hija ma ghandha l'ebda oggezzjoni li jigi stabbili il-valur fid-data tal-mewt ta' Filippa Bartolo tal-ghalqa fuq imsemmija stante illi l-valutazzjoni li hija gabet mal-mewt tal-istess Filippa Bartolo kienu zewg valutazzjonijiet maghmula mill-Perit Ian

Cutajar u l-Perit Stephen Mangion li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dokument RA2 u Dokument RA3.

4. Illi hija ghazlet l-oghola stima tal-Perit Ian Cutajar Dokument RA2 fid-dikjarazzjoni tal-assi li ghamlet ghall-hatra taghha ta' ezekutrici testamentarja ta' Filippa Bartolo Dokument F fil-process u dan kif jirrizulta mir-rikors nru. 1298/15 degretat fit-2 ta' Frar 2017 skond digriet nru. 138/2017.

5. Illi l-art in kwistjoni ma kinitx libera u franka, kienet soggetta ghall-qbiela tal-istess Nicholas Bartolo li kien jhallas il-qbiela mhux biss lill-mejta ommu Filippa Bartolo imma wkoll liz-zijiet materni Grazia, Vincenza u Lawrence, u dan kif jirrizulta mid-dokument tat-8 ta' Mejju 1997 hawn anness u mmarkat bhala Dokument RA4.

6. Illi sussegwentement l-imsemmi Nicholas Bartolo akkwista tlett kwarti indivizi minn din l-ghalqa minghand iz-zijiet tieghu Lawrence Abela, Grazia Abela u Vincenza Abela, biex b'hekk baqa' jhallas il-gabbillag lill-ommu Filippa Bartolo ghar-rigward sehemha ta' kwart indiviz li ma kienx ghadu akkwista.

7. Illi l-intimata Rose Agius accettat il-valutazzjoni tal-Perit Ian Cutajar li kienet l-oghola valutazzjoni minn dik tal-Perit Stephen Mangion skond l-inventarju minnha ppubblikat tal-25 ta' Lulju 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Buttigieg li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument RA5.

8. Illi Rose Agius, Amante Bartolo, Agnes Mifsud accettaw li jiehdu sehemhom mill-€7,750 kif valutati mill-Perit Ian

Cutajar u ta' dan irrilaxjaw ricevuta lill-imsemmi Nicholas Bartolo.

9. Illi gialadarba d-digriet 797/2017 tal- Qorti Civili Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja ezentat lil Rose Agius fil-kwalita' taghha premessa li timitti fil-pussess lil Nicholas Bartolo m'hemmx ghalfejn li l-istess Rose Agius tidher fuq att korrettorju sabiex tikkoregi kwalsiasi valur tal-kwota indiviza fid-data tal-mewt ta' Filippa Bartolo stante illi hija din il-Qorti wara l-valutazzjonijiet odjerni li ser tiddetermina l-valur imsemmi.

10. Illi ghalhekk gialadarba l-imsemmija Rose Agius imxiet skond id-digrieti tal-Qorti Civili Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja hija m'ghandhiex tbati spejjez u ghandha tigi liberate mill-osservanza tal-gudizzju.

11. Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Nicholas Bartolo li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti jaqbel mal-fatti kif dedotti fir-Rikors Guramentat fil-paragrafi Numru 1 sa Numru 4;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma jaqbilx ghar-rigward tal-valur attribwibbli ghal porzjoni raba li ghandu japplika, u konsegwentement ma jaqbilx dwar l-ammont li r-rikorrenti jikkontendu li ghandu jigi mhallas lilhom mill-esponenti, in kwantu tali ammont ma jirriflettix il-valur proprju u reali tal-porzjon raba de quo u ghalhekk ma jirriflettix l-intendiment car tat-testatrici, omm il-kontendenti;

3. Illi l-porzjon ta' art in kwistjoni kienet tappartjeni originarjament lin-nanniet tal-kontendenti, u cioe il-mejtin Angelo u Rose Abela, u wara l-mewt ta' l-istess ghaddiet b'mod indiviz ghand omm il-kontendenti u tliet hutha (li jigu ghalhekk zijiet tal-kontendenti) fi kwota ta' kwart indiviz kull wiehed;

4. Illi l-esponenti:

   a. Ilu ghal numru kbir ta' snin jahdem din l-istess art bhala gabillott (kif jirrizulta mill-ktieb tar-raba relattiv li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A);

   b. F'din il-kapacita' l-esponenti sahansitra fl-1997 kien ghamel a spejjez tieghu formazzjoni ta' giebja u kamra proprju fuq din l-istess porzjoni ta' art (kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni maghmula mill-imsemmija zijiet tal-kontendenti li qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B);

   c. Fl-2001 l-esponenti kien ghadda biex jakkwista t-tliet kwarti indivizi ta' l-istess porzjoni ta' art minghand l-imsemmija tliet zijiet tal-kontendenti biex b'hekk l-art de quo giet tappartjeni tliet kwarti indivizi lill-esponenti u kwart indiviz lil mejta omm il-kontendenti;

   d. Anke wara dan l-akkwist, l-esponenti baqa' jahdem l-art kollha kemm hi, u ghas-sehem dovut lil ommu ghad-dritt li jahdem fuq din il-porzjon art b'referenza ghal kwart indiviz taghha, huwa kien jghaddi lill-

istess ommu sehem mill-prodott li kien jirrikava mill-istess art, u dan kien isir a piena konoxxenza tal-kontendenti kollha kemm huma u l-intimata Rose Agius, u dwar liema qatt ma kien hemm kwalunkwe problema jew oggezzjoni;

5. Illi ghaldaqstant il-konsegwenza tal-premess ma jista' bl-ebda mod, bir-rispett jigi asserit illi l-art in kwistjoni ghandha tigi valutata bhala libera u franka, u dan in kwantu li l-esponenti ilu jahdimha ghal madwar erbghin sena u ukoll in kwantu li l-benefikati fuq l-istess art saru a spejjez ta' l-istess esponenti fil-kapacita' tieghu tal-gabilott ta' l-istess;

6. Illi l-esponenti kien effettivament inkariga Perit fi zmien sena mill-mewt tat-testatrici ezattament ai termini tad-disposizzjonijiet testamentarji relattivi u applikabbli, u ghalhekk huwa onora in toto l-pattijiet u kundizzjonijiet imposti fuqu mit-testatrici sabiex dan ikun jista jiehu l-legat hekk kif imholli lilu (Kopja tar-rapport tal-Perit Mangion hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C)

7. Illi ghandu jirrizulta illi teknikament l-intimata Rose Agius fil-kapacita' taghha ta' ezekutrici testamentarja ma kelliex ghalfejn tinkariga Perit hija stess ghal fini ta' valutazzjoni tal-proprjeta' ossia porzjon raba in kwistjoni rigward il-legat de quo, ghaliex tali obbligu kien jinkombi fuq l-esponenti;

8. Illi minghajr pregudizzju l-esponenti ma jopponix u qatt ma kellu opposizzjoni dwar 'l fatt li ghandu jhallas lir-rikorrenti s-sehem taghhom ta wiehed minn tnax (1/12) kull wiehed ta' l-ammont tal-valur tal-porzjon ta' raba' maghrufa bhala

ta' l-Isqallija, *sive* Tal-Hlas f'Wied is-Sewda, limiti ta' Hal Qormi, Malta tant hu hekk illi kien hu stess li ddepozita fir-Registru ta' dina l-Onorabbli Qorti, permezz ta' cedola ta' depozitu Numru 371/2016 l-ammont rizultanti minn tali valutazzjoni;

9. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jirrizultaw infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi li del resto naqsu minghajr ebda raguni valida milli jaccettaw l-ammonti gusti gja lilhom offerti ai termini tad-disposizzjoni testamentari tal-mejta omm il-kontendenti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'.

Rat ix-xiehda, affidavits, certifikat tal-mewt, ricerki testamentarji, testmenti, digriet ta' hatra ta' ezekutrici testamentarja, sentenza, pjanta, kuntratti, att dikjaratorju, skrittura, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-17 ta' April, 2018 gew invertieti l-provi sabiex titressaq il-prova dwar il-pretiz titolu ta' qbiela favur Nicholas Bartolo liema titolu gie pretiz permezz tal-hames eccezzjoni tal-intimata Rose Agius a fol. 46 tal-process (ara wkoll verbal datat 16 ta' Ottubru, 2018);

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Gunju, 2018 Dr Karl Micallef talab korrezzjoni fil-hames (5) eccezzjoni tar-risposta tar-rikorrenti a fol. 46 tal-process billi minflok il-kliem 'ma kienitx soggetta' jigu sostitwiti bil-kliem 'kienet soggetta', u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta fejn wara li rat li l-hames (5) paragrafu jirrizulta li l-izball kien lapsus billi l-eccezzjoni ma tiftihemx mod

iehor hlief jekk issir il-korrezzjoni mitluba u ghalhekk laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni;

Rat illi fil-verbal tat-8 ta' Gunju, 2021 il-kawza giet differita ghal lum ghad-decizjoni dwar il-hames eccezzjoni ta' Rose Agius a fol. 46 tal-process, bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**Fatti fil-qosor:**

Illi din hija decizjoni in parte fuq il-hames eccezzjoni tal-intimata Rose Agius fejn eccepiet illi l-art in kwistjoni ma kinitx wahda libera u franka pero' kienet suggetta ghall-qbiela tal-intimat Nicholas Bartolo li kien ihallas qbiela lill-mejta ommu Filippa Bartolo u liz-zijiet tieghu Grazia, Vincenza u Lawrence ahwa Abela u dan kif jirrizulta mid-dokument tat-8 ta' Mejju, 1997.

Fil-qosor il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu illi l-mejta Filippa Bartolo li tigi omm u nanna tar-rikorrenti u l-intimati, skont il-kaz, kienet proprjetarja ta' kwart (1/4) indiviz minn porzjon art imsejha 'Tal-Iskallija' sive 'Tal-Hlas' fl-inhawi maghrufa bhala 'Ta Wied is-Sewda', fil-wied omonimu li jinsab fil-limiti ta' Hal-Qormi, liema ghalqa tikkonsisti f'habel wiehed u ghandha l-kejl superficjali ta' cirka elfejn u hames mitt metru kwadru (2500m.k.). Ir-rimanenti tlett kwarti (3/4) indivizi minn l-imsemmija art kienet tappartjeni lil hutha xebbiet u guvni Grazia,

Vincenza u Lawrence ahwa Abela stante li l-art kienet gejja mill-wirt u successjoni tal-genituri taghhom, Angelo Abela u Rosina nee' Agius.

Illi mill-atti jirrizulta li l-intimat Nicholas Bartolo kien ilu jahdem l-ghalqa mertu tal-kawza odjerna ghal numru ta' snin. Sussegwentement permezz ta' kuntratt ta' xiri fl-atti tan-Nutar Mary sive Mariella Mizzi datat 6 ta' Gunju, 2001 l-intimat Nicholas Bartolo kien xtara u akwista s-sehem ta' tlett kwarti (3/4) indivizi mill-art imsemmija mill-poter ta' Grazia, Vincenza u Lorenzo ahwa Abela (ara l-kuntratt ta' xiri a fol. 185 *et seq* tal-process).

Illi l-mejta Filippa Bartolo kienet giet nieqsa nhar l-14 ta' Marzu, 2015 u rregolat il-wirt u successjoni taghha permezz ta' zewg testmenti datati 3 ta' Lulju, 2002 u 5 ta' Ottubru, 2010 entrambi fl-atti tan-Nutar Hugh Grima (ara ricerki testamentarji u testmenti a fol. 7 *et seq* tal-process). Fit-testment tal-5 ta' Ottubru, 2010 a fol. 16 *et seq* tal-process it-testatrici Filippa Bartolo fl-ewwel artikolu halliet b'titolu ta' prelegat is-sehem taghha ta' kwart (1/4) indiviz mill-art mertu tal-kawza odjerna taht il-kundizzjoni li l-intimat Nicholas Bartolo jhallas lill-hutu sehemhom mill-art u dan wara li tingieb stima jew stimi minn nies awtorevoli u ndipendenti fuq il-valur. L-artikolu in kwistjoni jiddisponi kif isegwi:

> 'L-Ewwel Artikolu
>
> It-testatrici qed thalli b'titolu ta' prelegat lill bintha Nicholas Bartolo bis-sostituzzjoni volgari ghar-rispettivi uliedhu f'kas ta' premorienza tieghu ghat-testatrici is-sehem ta' kwart indiviz (1/4) mill ghalqa imsejha Tal-Iskallija sive Tal-Hlas fl-inhawi maghrufa bhala Ta' Wied is-Sewda, fil-Wied omonimu li jinsab fil-limiti ta' Hal-Qormi liema ghalqa

tikkonsisti minn habel wiehed u ghandha l-kejl superficjali l-ghalqa kollha ta' circa elfejn u hames mitt metru kadru (2,500m2) u konfinanti mit-Tramuntana ma beni tal-eredi tal-Avukat Dottor Filippo Debono jew l-aventi kawza minnu mill-Punent ma beni ta' Filippo Vassallo jew l-aventi kawza tieghu u minn nofsinhar ma beni tal-eredi tal-Monsinjur Kanonku Dun Roberto Caruana Gatto jew l-aventi kawza tieghu jew irjieh ohra verjuri libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha u bid-dritt ta' passagg bir-rigel u bil-bhima minn fuq il-beni tal-aventi kawza tal-Kanonku Dun Roberto Caruana Gatt;

It-testatrici trid u tordna illi dana il-prelegat jidhol biss fis-sehh, wara li l-prelegatarju igib stima jew stimi minn nies awtorevoli u indipendenti fuq il-valur tal-istess proprieta laxxata in prelegat, ovvjament fid-data tal-mewt tal-istess testatrici u jkun dovut ihallas hdax minn tnax il-parti indivizi lill hutu l-ahwa Bartolo u lill ulied il-premort huh Carmelo Bartolo. Dan kollu irid isir fi zmien sena mil mewt tal-istess testatrici;'.

Illi mill-atti jirrizulta li fit-termini tal-artikolu tat-testment fuq ikwotat, fi zmien sena mill-mewt ta' ommu Filippa Bartolo, l-intimat Nicholas Bartolo inkariga Perit ta' fiducja tieghu l-AIC Stephan Mangion li kien ta' stima tal-art fil-valur ta' tmienja u ghoxrin elf ewro (€28,000) u ghalhekk il-valur tal-kwart indiviz kien dak ta' sebat elef ewro (€7,000) (ara r-rapport a fol. 72 *et seq* tal-process).

Illi l-intimata Rose Agius, li kienet giet nominata bit-testmenti msemmija bhala l-ezekutrici testamentarja tal-wirt ta' ommha, l-mejta Filippa Bartolo, kienet ukoll inkarigat Perit ta' fiducja taghha

l-AIC Ian Cutajar u dan ai fini tal-inventarju rikjest mill-Ligi. Il-Perit Ian Cutajar b'referenza ghall-art mertu tal-kawza odjerna kien hareg zewg rapporti u cioe' wiehed fejn l-art giet ikkunsidrata bhala libera u franka u nghatat il-valur shih l-ammont ta' tnejn u sittin elf ewro (€62,000) bil-kwart indiviz jigi jiswa' hmistax-il elf u hames mitt ewro (€15,500). Fit-tieni rapport inkluda l-valur tal-art f'kaz li din jirrizulta li kienet imqabbla lill-intimat Nicholas Bartolo, liema art giet stmata fil-valur ta' wiehed u tletin elf ewro (€31,000) u ghalhekk l-kwota ta' kwart indiviz giet stmata fl-ammont ta' sebat elef seba' mija u hamsin (€7750) (ara r-rapporti tal-Perit Ian Cutajar a fol. 160 *et seq* tal-process) L-intimata Rose Agius fl-inventarju kienet adattat l-ammont ta' wiehed u tletin elf ewro (€31,000) u r-rikorrenti kienu ppubblikaw fl-atti tan-Nutar Marco Buttigieg fil-25 ta' Lulju, 2016 att dikjaratorju li permezz tieghu ndikaw l-oggezzjoni taghhom ghal ammont hemm indikat fl-inventarju mill-intimata Rose Agius bhala ezekutrici testamentarja tal-wirt ta' ommha Filippa Bartolo (ara l-att dikjaratorju a fol. 58 *et seq* tal-process).

Konsegwentement ir-rikorrenti Joseph Bartolo et intavolaw ir-rikors odjern fejn talbu li jigi stabbilit il-valur fid-data tal-mewt ta' Filippa Bartolo tal-kwota ta' kwart indiviz (1/4) mill-ghalqa fuq imsemmija libera u franka u mghobbija bl-ebda qbiela u li l-intimat Nicholas Bartolo jigi konsegwentement ikkundannat ihallas lil kull wiehed u wahda mir-rikorrenti fil-kwota ta' dodicesima parti indiviza (1/12) mill-imsemmi prezz u tiddikjara u tiddeciedi li d-dikjarazzjoni tal-valur fl-att tal-inventarju maghmul minn Rose Agius ma tiswiex u konsegwentement tikkundanna lill-intimata Rose Agius tidher fuq att korrettorju opportun sabiex jigi kkoregut il-valur ta' din il-kwota indiviza fid-data tal-mewt ta' Filippa Bartolo.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:</u>**

Illi minn harsa lejn il-fatti tal-kawza jirrizulta li bazikament il-mertu tad-decizjoni fuq din l-eccezzjoni partikolari huwa jekk l-art imsejha 'Tal-Iskallija' sive 'Tal-Hlas' fl-inhawi maghrufa bhala 'Ta Wied is-Sewda', fil-wied omonimu li jinsab fil-limiti ta' Hal-Qormi, liema ghalqa tikkonsisti f'habel wiehed u ghandha l-kejl superficjali ta' cirka elfejn u hames mitt metru kwadru (2500m.k.) hijiex suggetta ghal qbiela favur l-intimat Nicholas Bartolo jew le u jekk il-valutazzjoni ai fini tal-legat imsemmi ghandhiex tkun kif suggetta ghall-qbiela jew le. Dan stante li r-rizultat jaghmel differenza fil-valur tal-art u hija din id-divergenza bejn il-partijiet li wasslithom ghall-kawza odjerna.

Illi jekk jitqabblu l-provi tal-partijiet jirrizulta li hemm zewg verzjonijiet totalment differenti. Min-naha l-wahda r-rikorrenti Joseph Bartolo et jishqu li l-ghalqa qatt ma kienet imqabbla lill-intimat Nicholas Bartolo min-naha l-ohra l-intimati Nicholas Bartolo u ohtu l-ezekutrici Rose Agius isostnu li l-art kienet imqabbla lill-intimat Nicholas Bartolo. Il-Qorti tinnota li l-intimat Nicholas Bartolo m'ghamilx eccezzjoni specifika f'dan is-sens pero' kienet l-intimata Rose Agius li eccepiet li l-art m'hijiex libera pero' soggetta ghall-qbiela favur Nicholas Bartolo.

Illi l-intimati sabiex isahhu t-tezi taghhom li l-intimat Nicholas Bartolo ghandu favur tieghu qbiela, barra l-affidavit tieghu a fol. 80 *et seq* tal-process, ressqu bhala xhieda lil ohthom Agnes Mifsud (ara affidavit a fol. 88 tal-process), l-intimata Rose Agius (ara affidavit a fol. 89 tal-process) u lil huhom Amante Bartolo (ara affidavit a fol. 90 tal-process) li lkoll ikkonfermaw li bhala hlas l-intimat kien jaghti l-hxejjex lil ommhom Filippa Bartolo. Ressqu wkoll bhala xhud lil Kenneth Cassar – Senior Agricultural Officer

fi hdan id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura fejn ikkonferma li l-intimat Nicholas Bartolo huwa rregistrat bhala 'farmer owner' u esebixxa kopja tal-ktieb tar-raba u tal-pjanta tal-art (ara deposizzjoni a fol. 93 *et seq* u l-kontro-ezami a fol. *193 et seq* tal-process). L-intimat ressaq ukoll bhala xhud lil George Fenech (ara affidavit a fol. 99 tal-process), madanakollu jigi rilevat li dawn iz-zewg xhieda tal-ahhar ma kkonfermawx l-ezistenza o meno tal-qbiela favur l-intimat.

L-intimat fl-ahhar seduti tas-smigh pprezenta fl-atti dikjarazzjoni datata 8 ta' Mejju, 1997 a fol. 57 tal-process allegatament maghmula minn Lawrence, Grazia u Vincenza ahwa Abela fejn permezz taghha taw l-awtorizzazzjoni lill-intimat Nicholas Bartolo sabiex fl-art mertu tal-kawza jaghmel giebja u jibni kamra a spejjez tieghu. Fl-istess dikjarazzjoni l-ahwa Abela jidher li ddikjaraw illi l-intimat Nicholas Bartolo jahdem l-art b'titolu ta' kera ossia qbiela u li kien ihallashom kull Santa Marija kif isegwi:

> 'Illum, tmienja (8) ta' Mejju tas-sena 1997
>
> Permezz tal-prezenti, ahna, Lawrence Abela (I.D. No. 492217M), Grazia Abela (I.D. No. 497919M) u Vincenza abela (I.D. No. 185321M), ilkoll ulied il-mejtin Angelo u Rose nee' Agius, ilkoll residenti 130, Triq Paris, Zebbug qeghdin naghtu l-kunsens u l-awtorizazzjoni taghna lil Nicholas Bartolo (I.D. No. 275849M), bin Anthony u Filippa sabiex jibni u jikkostruwixxi a spejjez unikament tieghu giebja u kamra fl-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Isqalli" f'Wied is-Sewda, limiti ta' Haz-Zebbug illi huwa jahdem b'titolu ta' kera ossija qbiela li huwa jhallasna kull nhar Santa Marija.
>
> Lawrence Abela

Grazia Abela
Vincenza Abela
Nicholas Bartolo'.

Illi l-intimat Nicholas Bartolo fix-xiehda tieghu in kontro-ezami fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2019 jikkonferma li din id-dikjarazzjoni saret precizament sabiex ma jitlobx kumpens ghall-ispejjez li jkun ghamel fil-kostruzzjoni tal-giebja u l-kamra u mhux biex jigi konfermat xi titolu ta' qbiela:

'Ix-xhud: Jiena tlabt biex naghmel il-kamra u giebja gol-ghalqa, kien ghadni ma xtrajthiex l-ghalqa u z-zijiet qaluli, "imma rridux xi haga li mhux wara tigi tghidli, isma', trid thallasni tal-giebja u tal-kamra!" u ghamilna dik bejnietna li jien mhux se nitlobhom –

Dr Phyllis Aquilina: Sewwa. Jigifieri dik saret biex iz-zijiet isserhu rashom li ma kontx ha ddur fuqhom u titlobhom xi kumpens tal-benefikati li tkun ghamilt fl-ghalqa. Hekk hu?

Ix-xhud: Iva.'.

L-intimat Nicholas Bartolo fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2019 a fol. 118 *et seq* jispecifika li d-dikjarazzjoni kienet giet miktuba minnu bl-assistenza ta' habib tieghu li kien jahdem mieghu f'ta Farsons u jikkonferma li z-zijiet tieghu ma kienux ta' skola. Da parti taghha l-intimata Rose Agius fil-kontro-ezami a fol. 231A *et seq* tal-process ukoll tikkonferma li Grazia, Vincenza u Lorenzo kienu bdiewa, li dak iz-zmien ma kienux immorru skola u ghalhekk kienu limitati fl-edukazzjoni taghhom anzi gie konfermat mill-istess intimata

Rose Agius li kienu jafu biss jiktbu isimhom u xejn aktar (ara fol. 138). Il-Qorti ghalhekk tqis li fil-mument li saret dik l-iskrittura iz-zijiet Grazia, Vincenza u Lorenzo ahwa Abela qaghdu fuq dak li kiteb l-istess intimat, liema dikjarazzjoni l-hsieb warajha kienet li ma jkunx hemm kwistjonijiet ta' kumpens u mhux li tigi konfermata xi qbiela, kif xehed l-istess intimat, ghalhekk la darba dawn iz-zijiet ma kienux jafu jaqraw bilfors li fdaw fl-intimat dwar il-kontenut tal-istess u ffirmaw minghajr ma kienu jafu ezatt x'kien hemm miktub fiha. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tqis din id-dikjarazzjoni bhala prova tal-qbiela stante li ma hi korroborata minn xejn u minn hadd ghajr l-intimat li ghandu nteress fiha. Li kieku din kienet redatta quddiem xi xhieda nidpendenti jew quddiem nutar il-valur probatorju taghha kien ikun ferm differenti.

Din il-konkluzjoni tal-Qorti hija wkoll msahha mill-fatt li fil-kuntratt ta' bejgh li sar erba' (4) snin wara d-dikjarazzjoni msemmija, bejn l-istess Grazia, Vincenza u Lorenzo ahwa Abela u l-intimat Nicholas Bartolo, ma sar l-ebda accenn li l-art msejha 'Ta' l-Isqallija' sive 'Tal-Hlas' fl-inhawi maghrufa bhala 'Ta' Wied is-Sewda' kienet suggetta ghall-qbiela favur l-istess kompratur Nicholas Bartolo anzi jinghad li l-art giet mibjugha bhala '*...libera u franka, bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi kollha taghha.*' (ara kuntratt a fol. 185 *et seq* tal-process). Dan il-fatt gie wkoll ikkonstatat fir-rapport tal-Perit Stephan Mangion li gie nkarigat mill-intimat Nicholas Bartolo nnifsu sabiex jaghmel stima tal-art mertu tal-kawza ai termini tat-testment ta' ommu Filippa Mangion, fejn l-istess intimat ma semmielu xejn dwar l-ezistenza ta' qbiela ghalkemm suppost jekk din verament kienet tezisti l-intimat kellu kull interess li jinforma lill-Perit tieghu stess ai fini ta' valur. Mir-rapport li gie esebit fl-atti a fol. 72 u fol. 73 tal-process jirrizulta li l-Perit ha kont tad-daqs, l-access u l-fatt li qed jigi vvalutat sehem

indiviz madanakollu l-ebda accenn ma sar li l-art hija suggetta ghall-qbiela.

Il-Qorti nnotat ukoll li l-ewwel darba li l-intimat Nicholas Bartolo semma l-kwistjoni tat-titolu ta' qbiela kienet meta l-intimata Rose Agius inkarigat lill-Perit Ian Cutajar sabiex jaghmel stima tal-art mertu tal-kawza odjerna u wara li l-Perit Ian Cutajar kien hareg stima ferm ghola minn dik tal-Perit imqabbad minnu. Fil-fatt il-Perit Cutajar stmaha l-art fil-valur ta' wiehed u sittin elf ewro (€61,000) bhala sehem shih. Fl-atti xehed il-Perit Ian Cutajar a fol. 166 *et seq* tal-process li kkonferma li l-ewwel darba li huwa kien hareg l-istima kienet minghajr bidwi peress li l-intimata Rose Agius kienet stqarret mieghu li m'hemmx bdiewa:

> '**Av. Phyllis Aquilina:** Sewwa, mela ha nistaqsik dwar l-ghalqa. X'inkarigu taghtek dwar l-ghalqa s-Sinjura Agius?
>
> **Ix-xhud:** Dwar l-ghalqa fis-sens sabiex nevalwawa ai fini ta' successjoni. Qaltli l-partikolaritajiet kollha taghha fis-sens illi l-access taghha kien bir-rigel u bil-bihma u meta staqsejniha xi affarijiet biex naraw daqsxejn jaffettwawx il-valur, jekk kienx hemm bidwi fiha jew le.
>
> **Av. Phyllis Aquilina:** Sewwa u x'wiegbitek meta staqsejtha hekk?
>
> **Ix-xhud:** L-ewwel darba qaltli li ma kienx hemm bidwi.
>
> **Av. Phyllis Aquilina:** Issa meta tghidli l-ewwel darba, spjegalna ftit, jigifieri kien hemm iktar minn darba wahda li tkellimt maghha?

**Ix-xhud:** Tkellimna iktar minn darba, pero bhala valuation kien hemm tnejn, ghalkemm il-finali hija wahda. Mela l-ewwel darba ghamilniha minghajr il-bidwi skond ma kienet qaltli hi ovvjament, imbaghad kien gie wiehed mill-werrieta ghax inzerta klijent tieghi wkoll ghax fil-familja Bartolo hemm izjed minn wiehed li jahdem hijja, biex jinfurmani li kien il-bidwi. Wiehed mill-ulied ta' Filippa kien il-bidwi.

**Av. Phyllis Aquilina:** Sewwa, ghidilna ftit x'informazzjoni tak meta qallek li huwa l-bidwi? Xi tlabtu inti u x'informazzjoni jew dokumenti tak hu?

**Ix-xhud:** Ifhimni jiena lil Nicholas Bartolo gieli hdimtlu anke fl-ghelieqi tal-madwar fis-sens li hu klijent tieghi, applikajnielu ghal xi serrer u fil-fatt kont naf li jahdima hu. Pero peress li kienu ahwa u peress li qaltli bla bidwi jiena l-ewwel valutazzjoni ghamiltha bla bidwi.

**Av. Phyllis Aquilina:** Sewwa w t-tieni darba imbaghad?

**Ix-xhud:** Kif ghidt it-tieni darba kien kellimni s-Sur Bartolo, is-Sur Nicholas Bartolo, ovvjament la kienet kellmitni Rose Agius ma nistax noqghod niehu l-opinjoni jew il-fatti minghand diversi ahwa. Ergajt kellimt lil Rose Agius u qaltli li fil-fatt jahdima hu pero minghajr qbiela u ddecidejna li naghmluha valur ta' bidwi. Li huwa valur differenti min dak li kieku m'hemmx bidwi go l-ghalqa.'

Dan premess, ma jistax ma jigix nnutat li Filippa Bartolo – omm u nanna tal-partijiet fit-testment taghha fl-ewwel artikolu, malgrad li nghataw diversi dettalji, ukoll ma accennatx ghal fatt li l-art mertu tal-kawza kellha tigi valutata suggetta ghat-titolu ta' qbiela favur

l-istess legatarju. A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti taghmel referenza ghall-ewwel artikolu tat-testment tal-5 ta' Ottubru, 2010 a fol. 16 *et seq* tal-process li gja gie kkwotat aktar il' fuq taht is-sezzjoni '**Fatti fil-qosor**'. Anzi minn qari ta' dan l-artikolu l-Qorti tqis li x-xewqa tat-testatrici wara dan l-artikolu kienet wahda cara u li tirrifletti dak li xehdu fuqu r-rikorrenti, cioe', li kienet ix-xewqa ta' ommhom u ta' missierhom li l-ulied jigu stmati kollha l-istess. Fil-fatt bosta mir-rikorrenti jixhdu li l-intimat spiss kien jitlob l-ommu sabiex ittih il-parti taghha tal-art izda jsostnu li missierhom xejn ma kienu jiehu pjacir dan ghaliex il-genituri riedu jistmaw lit-tnax ahwa l-istess. Kliem dan l-artikolu fit-testment huwa car fejn jinghad li ghanda ssir stima tal-proprjeta' u huwa specifikatament indikat il-kliem 'libera u franka'. Ghalhekk anki li kieku kellu jirrizulta xi qbiela, huwa car lil din il-Qorti li l-intenzjoni tat-testatrici kien li l-legat ikun suggett li l-ghalqa tigi stmata bhala 'libera u franka' u mhux suggetta ghal xi pizijiet bhal qbiela, irrilevantement mill-ezistenza o meno tal-qbiela. Il-gurisprudenza hija kostanti li fejn il-volonta' tat-testatur tkun cara ma ghandux ikun hemm lok ghal interpetazzjoni mill-Qrati.

Illi l-intimat Nicholas Bartolo jsostni wkoll li bhala hlas tal-allegat qbiela dovuta lil ommu hu kien jaghti regolarment il-hxejjex lill-ommu. Bejn il-partijiet hemm qbil li l-intimat kien jiehu xi hxejjex u frott lil ommu Filippa Bartolo madanakollu m'hemmx qbil dwar l-iskop ta' l-ghotja tal-hxejjex u frott imsemmija. L-intimat jishaq li kien jezisti ftehim ta' hlas ta' mezzadrija bejnu u bejn ommu Filippa Bartolo. Fl-affidavit tieghu a fol. 80 *et seq* jghid:

> 'Fuq il-kwart is-sehem ta' ommi jiena bqajt naghmel l-istess kif kont naghmel fuq l-ghalqa kollha, u cioe kont nghaddi prodott milli kont nipproduci mill-ghalqa lil ommi bhala qbiela u dan bqajt naghmlu sa l-ahhar ta' hajjitha. Niddikjara

illi jiena dejjem hdimt din l-ghalqa bil-kunsens shih u bil-permess ta' ommi – din kienet ir-rieda taghha. Nghid illi xhieda ta' dan huma huti stess fejn mhux biss f'Santa Marija kont nohdilha l-qbiela bhala prodott izda b'mod regolari l-Hdud filoghdu matul is-sena kollha.'

Illi dwar il-mezzadrija l-Qorti ser tikkwota mid-decizjoni fl-ismijiet **Grace armla Ragan -vs- Emanuel Mizzi** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Frar, 2012 ikkwotata mir-rikorrenti fejn inghad illi:

'10. Illi fil-ligi taghna kif ukoll fil-gurisprudenza il-mezzadrija huwa trattat fl-istitut tal-lokazzjoni, ghalhekk "regolat mid-disposizzjoniiet relattivi ghal-lokazzjoni"[1] imma jippartecipa mill-kuntratt ta' socjeta` fis-sens "li fih l-element tad-divizjoni tal-profitti bhas-socjeta`"[2]

11. Skont l-Artikolu 1532 tal-Kap. 16 fil-kaz fejn ma jkunx hemm ftehim espress jew cirkostanzi li jistghu juru x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet dwar iz-zmien tal-kiri, (b) fil-kaz ta' kiri ta' raba, jekk il-fond jaghti frottijiet jitqies li sar ghaz-zmien mehtieg ghall-gabra tal-frottijiet ta' erba' annati. Biex iz-zmien ghall-aktar minn erba' snin jista' jitqies validu, dan ried isir b'kitba[3].

12. Illi fil-kaz ta' mezzadria il-ko-rispettiv irid jinghata u jigi accettat b'mod regolari fi kwantitajiet illi jkunu miftehma bejn il-partijiet. Bhal kull forma ta' hlas, huwa ahjar li ssir

---

[1] Zammit v. Busuttil, Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' Ottubru 1960.

[2] Sant vs Galea, Appell Civili, 27 ta' Gunju, 1949 u App. Inf. Abdilla v. Magri, 7 ta' Lulju 2003.

[3] Art 1233(1)(e) Kap. 16.

ircevuta halli dak li jkun ikollu prova tas-sehem tieghu ghall-okkupazzjoni ta' fond.[4]

...

14. F'dan il-kaz il-konvenut accetta li ma kienx hemm ftehim bil-miktub imma jsostni li r-raba kien ilu zmien twil ghandhu u dan jindika li kien hemm ftehim informi ta' mezzadria. Jghid li kien talab lill-attrici biex tikrilu l-ghalqa imma huma ghamlu biss ftehim verbali biex mill-prodotti li jkollu jroddilha parti mill-prodotti. Matul dawn l-ghoxrin (20) sena huwa kien jaghtiha haxix tal-borma u hija kienet taccettah. L-attrici tichad li kien hemm ftehim dwar qsim ta' prodotti. Il-konvenut kien qed jahdem ir-raba biss bi pjacir taghha u b'tolleranza.

15. Illi mill-atti prodotti jirrizulta li apparti li ma sar ebda ftehim espress jew bil-miktub, u lanqas inhargu ricevuti, ma kienx gie stabbilit il-korrispettiv li kellu jinghata mill-konvenut. Apparti dan, lanqas ma kien kemm ftehim dwar zmien. Fil-fatt il-konvenut xehed li: "Jien nikkonferma li ma kelliex il-ftehim kemm il-darba kelli mmur b'dan il-prodott ghand iz-zija". Hu jghid biss li "Kont immur kull meta jidhirli. Ma kienx hemm ritmu fuq dan".

16. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan jsahhah it-tezi tal-attrici illi l-konvenut kien qieghed jokkupa din l-art minghajr titolu u b'mera tolleranza u l-kelma mezzadria qatt ma ssemmiet imkien.'.

[4] Abdilla v. Magri

Din il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawza u fid-dawl ta' dak suespost ma tqisx li s-semplici ghotja ta' prodott kultant kien qieghed isir fuq ftehim bhala hlas ta' qbiela pero' kien biss gest normali li kull wild jaghmel mal-genituri tieghu. Mill-atti u mill-provi prodotti ma jirrizultax li bejn il-partijiet kien hemm ftehim bil-miktub jew espress. Lanqas ma jirrizulta li kien hemm stabbilit zmien u l-ammont ta' korrispettiv li kellu jghaddi l-intimat lil ommu bhala hlas. Pjuttost mill-atti jirrizulta li l-intimat Nicholas Bartolo kien jiehu l-prodotti mhux biss lil ommu pero' gieli taha wkoll lil hutu u dan skont l-istagun u ta' dan qatt ma nharget xi ricevuta. Irrizulta wkoll li ma kienx biss l-intimat li kien jiehu prodotti fid-dar tal-omm izda kien hemm ahwa ohra li kienu jahdmu raba ohra li kienu jiehdu l-prodotti lil ommhom u dan bhal ma jigri normalment f'familji fejn ikun hemm il-bdiewa.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu suespost, il-Qorti, stante li tqis li l-allegata qbiela favur l-intimat Nicholas Bartolo ma gietx sufficjentement pruvata, la fuq bazi ta' hlas kontanti u wisq anqas fuq bazi ta' hlas bil-mezzadrija, ser tghaddi sabiex tichad il-hames eccezzjoni tal-intimata Rose Agius.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi il-hames eccezzjoni dwar l-ezistenza o meno ta' qbiela favur l-intimat Nicholas Bartolo fir-risposta ta' Rose Agius, billi tichad l-istess u tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza fil-mertu li jista' fadal.

L-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopporati miz-zewg intimati ugwalment.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Ottubru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Ottubru, 2021**